



Il-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċċad l-ilment ippreżentat minn grossista Pollakk

Il-Kummissjoni ma rrispettatx id-drittijiet proċedurali li kien jibbenefika minnhom dan il-grossista Pollakk fil-kuntest tal-proċedura li wasslet għall-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni

Bejn l-2011 u l-2015, il-Kummissjoni Ewropea adottat diversi miżuri sabiex tinvestiga l-funzjonament tas-swieq tal-gass tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. F'dan il-kuntest, hija niedet investigazzjoni fil-konfront ta' Gazprom PJSC u ta' Gazprom export LLC (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, "Gazprom") dwar il-provvista ta' gass fi tmien Stati Membri, jiġifieri l-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja u s-Slovakkja (iktar 'il quddiem il-"pajjiżi kkonċernati").

Fit-22 ta' April 2015, il-Kummissjoni bagħtet dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ¹ lil Gazprom, fejn hija akkużatha b'abbuż mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-swieq nazzjonali tal-provvista ta' gass bl-ingrossa upstream fil-pajjiżi kkonċernati sabiex tipprekludi l-moviment liberu tal-gass, bi ksur tal-Artikolu 102 TFUE li jipprojbixxi tali abbuż.

Fid-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni, b'mod partikolari, qieset li Gazprom kienet issuġġettat il-provvista ta' gass fil-Polonja għall-kisba ta' ċerti garanziji relatati ma' infrastrutturi ta' trażmissjoni tal-gass. Dawn il-garanziji kienu jirrigwardaw l-aċċettazzjoni, tar-rikorrenti, il-grossista Pollakk Polskie Górnictwo Naftowe i Gazownictwo S.A., tat-tisħiħ tal-kontroll ta' Gazprom fuq il-ġestjoni tal-investimenti fil-parti Pollakka tal-pipeline tal-gass Yamal, li huwa wieħed mill-pipelines prinċipali ta' tranżitu fil-Polonja (iktar 'il quddiem l-"ilmenti Yamal").

Permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Mejju 2018 ², il-Kummissjoni approvat u rrendiet obligatorji l-impenji ppreżentati minn Gazprom sabiex tindirizza t-tħassib dwar il-kompetizzjoni tal-Kummissjoni u għalqet il-proċedura amministrattiva f'dan il-każ.

B'mod parallel ma' din il-proċedura, fid-9 ta' Marzu 2017, ir-rikorrenti ppreżentat ilment li permezz tiegħu hija rrappurtat prattiki abbużivi min-naħa ta' Gazprom, li kienu jkopru, fil-biċċa l-kbira tagħhom, it-tħassib espress mill-Kummissjoni fid-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet. Dan l-ilment kien jinkludi allegazzjonijiet li abbażi tagħhom Gazprom kienet, fil-kuntest ta' defiċit ta' provvista affaċċjata mir-rikorrenti fl-2009 u fl-2010, issuġġettat il-konklużjoni ta' kuntratt ta' provvista ta' volum ta' gass supplimentari għal kundizzjonijiet intiżi, b'mod partikolari, li jsaħħu l-influwenza tagħha fuq il-ġestjoni tal-parti Pollakka tal-pipeline tal-gass Yamal (iktar 'il quddiem l-"allegazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet fil-qasam tal-infrastruttura"). Dawn l-aħħar allegazzjonijiet kienu jindikaw, parzjalment, prattiki simili għal dawk indikati permezz tal-ilmenti Yamal.

¹ Konformement mal-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 tas-7 ta' April 2004, dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skond l-Artikolu [101] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 81).

² Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2018) 3106 tal-24 ta' Mejju 2018, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39816) – Provvisti tal-gass upstream fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (ĠU 2018, C 258, p. 6). Ir-rikorrenti ppreżentat rikors għal annullament fil-konfront ta' din id-deċiżjoni, li ġie madankollu miċħud mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Frar 2022, Polskie Górnictwo Naftowe i Gazownictwo vs Il-Kummissjoni (Impenji ta' Gazprom), [T-616/18](#) (ara wkoll CP [Nru 21/22](#)).

Fit-23 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni indikat bil-miktub lir-rikorrenti li hija kienet qegħda tipprevedi li tiċċad l-ilment u talbitha tagħti l-opinjoni tagħha f'terminu ta' erba' ġimgħat (iktar 'il quddiem l-"ittra ta' intenzjoni ta' ċaħda"). Permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' April 2019 (iktar 'il quddiem, id-"deċiżjoni kkontestata")³, il-Kummissjoni ċaħdet l-ilment ippreżentat mir-rikorrenti.

Fil-kuntest tal-eżami tagħha tal-allegazzjonijiet, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-allegazzjonijiet tal-ilment li kienu jikkorrispondu għat-tħassib dwar il-kompetizzjoni koperti mill-impenji ta' Gazprom u l-allegazzjonijiet l-oħra mressqa f'dan l-ilment u, fir-rigward ta' din it-tieni kategorija ta' allegazzjonijiet, hija, b'mod partikolari, ċaħdet l-allegazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet fil-qasam tal-infrastruttura.

Ir-rikorrenti ppreżentat rikors għal annullament fil-konfront tad-deċiżjoni kkontestata, li qed jintlaqa' mit-Tmien Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali.

II-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Il-Qorti Ġenerali teżamina, fl-ewwel lok, l-ilmenti tar-rikorrenti li permezz tagħhom hija takkuża lill-Kummissjoni li kisret id-dritt tagħha li tinstema' u li tiġi informata fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva miftuħa sussegwentement għall-ilment tagħha.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tfakkar qabelxejn li, skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 773/2004, meta l-Kummissjoni tqis li, abbażi tal-informazzjoni disponibbli għaliha, ma jkunx hemm raġunijiet suffiċjenti sabiex jingħata segwitu għal ilment, hija għandha tinforma lil-lanjant bir-raġunijiet tagħha u tagħti terminu sabiex huwa jagħti l-opinjoni tiegħu bil-miktub.

Fl-ittra ta' intenzjoni ta' ċaħda li ntbagħtet lir-rikorrenti skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni kienet, b'mod partikolari, qieset li ma kienx hemm raġunijiet suffiċjenti sabiex titkompla l-investigazzjoni tal-allegazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet fil-qasam tal-infrastruttura, minħabba l-probabbiltà limitata li jiġi stabbilit ksur tal-Artikolu 102 TFUE fil-konfront ta' Gazprom. Din il-konklużjoni provviżorja kienet ibbażata fuq żewġ ġustifikazzjonijiet, jiġifieri, minn naħa, id-deċiżjoni tal-Urząd Regulacji Energetyki (l-Uffiċċju Regolatorju tal-Enerġija Pollakk) li tiċċertifika l-amministratur tal-parti Pollakka tal-pipeline tal-gass Yamal, Gaz-System S.A., bħala amministratur ta' network indipendenti (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni") u, min-naħa l-oħra, il-"kuntest intergovernattiv" tar-relazzjonijiet bejn ir-Repubblika tal-Polonja u l-Federazzjoni Russa fil-qasam tal-gass.

Issa, minkejja li l-Kummissjoni indikat, fid-deċiżjoni kkontestata, ir-riferiment għad-deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni bħala ġustifikazzjoni insostenn tal-konklużjoni tagħha fir-rigward tal-probabbiltà limitata li jiġi stabbilit ksur relatat mal-allegazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet fil-qasam tal-infrastruttura, hija rreferiet ukoll għall-eċċezzjoni msejja azzjoni tal-Istat bħala ġustifikazzjoni oħra.

Għalhekk, il-Qorti Ġenerali tfakkar li l-eċċezzjoni tal-azzjoni tal-Istat, li għandha tiġi applikata b'mod restrittiv, tippermetti li jiġi eskluż aġir antikompetittiv mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, meta dan l-aġir ikun impost fuq l-impriżi kkonċernati minn leġiżlazzjoni nazzjonali, minn kuntest ġuridiku maħluq minn din il-leġiżlazzjoni jew ukoll minn pressjonijiet irreżistibbli eżerċitati mill-awtoritajiet nazzjonali.

Issa, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li din l-eċċezzjoni ma kinitx inkluża fil-kunsiderazzjonijiet rilevanti tal-ittra ta' intenzjoni ta' ċaħda li ppreċediet id-deċiżjoni kkontestata. Fid-dawl tan-natura partikolari, eżoneratorja mir-responsabbiltà, tal-eċċezzjoni tal-azzjoni tal-Istat u tal-fatt li l-ġurisprudenza ma rrikonossietx l-applikazzjoni tagħha fil-każ ta' pressjoni tal-Istat eżerċitata minn Stat terz, il-Kummissjoni kellha tavża lir-rikorrenti espressament, fl-ittra ta' intenzjoni ta' ċaħda, li l-evalwazzjoni provviżorja tagħha kienet ibbażata fuq każ possibbli ta' applikazzjoni ta' din l-eċċezzjoni, sabiex tippermettilha tinstema' f'dan ir-rigward. Skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni

³ Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 3003 final tas-17 ta' April 2019 dwar ċaħda ta' lment (Każ AT.40497 – Prezz Pollakk tal-gass).

ma tistax tistenna li r-rikorrenti tifhem din il-ġustifikazzjoni impliċita fl-elementi prodotti fl-imsemmija ittra.

Konsegwentement, **peress li naqset milli tipprovdi din l-informazzjoni fl-ittra ta' intenzjoni ta' ċaħda, il-Kummissjoni kisret l-obbligu ta' informazzjoni tagħha fir-rigward tar-rikorrenti** skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 773/2004. Barra minn hekk, fid-dawl tal-elementi fl-atti tal-proċess, il-Qorti Ġenerali tqis li, fl-assenza ta' dan il-ksur tar-Regolament Nru 773/2004, id-deċiżjoni kkontestata setgħet kellha kontenut differenti f'dak li jirrigwarda l-ġustifikazzjoni marbuta mal-eċċezzjoni tal-azzjoni tal-Istat, b'tali mod li dan il-ksur huwa ta' natura li jwassal għall-annullament ta' din id-deċiżjoni.

Madankollu, dan l-annullament huwa ġġustifikat biss sakemm il-ġustifikazzjoni l-oħra indikata fid-deċiżjoni kkontestata, marbuta mad-deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni, ma ssostnix il-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar il-probabbiltà limitata li jiġi stabbilit ksur fil-konfront ta' Gazprom f'dak li jirrigwarda l-allegazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet fil-qasam tal-infrastruttura.

F'dan ir-rigward u fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali, minn naħa, tikkonstata li l-Kummissjoni ma setgħetx tagħti importanza determinanti lil din id-deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni mingħajr ma tiegħu inkunsiderazzjoni l-fatt li d-dispożittiv ta' din id-deċiżjoni kien jeżiġi li l-operat tal-istazzjonijiet ta' kompressjoni u ta' kejl li jinsabu fil-parti Pollakka tal-pipeline tal-gass Yamal, imwettaq minn kumpannija konġunta tar-rikorrenti u Gazprom, jiġi ttrasferit lil Gaz-System u mingħajr ma tiegħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi madwar in-nuqqas ta' dan it-trasferiment.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali tirrileva li, billi bbażat ruħha fuq konstatazzjonijiet u evalwazzjonijiet li jinsabu fid-deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni dwar l-investimenti fil-parti Pollakka tal-pipeline tal-gass Yamal, il-Kummissjoni rrestrinġiet l-allegazzjonijiet esposti fl-ilment unikament għall-portata tal-ilmenti Yamal indikati fid-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet, filwaqt li l-prattiki kkonċernati kienu ta' natura differenti u kienu jeċċedu din il-kwistjoni tal-investimenti biss.

Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali tqis li **l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta rreferiet għad-deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni insostenn tal-konklużjoni tagħha dwar il-probabbiltà limitata li jiġi stabbilit ksur tal-Artikolu 102 TFUE min-naħa ta' Gazprom fir-rigward tal-allegazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet fil-qasam tal-infrastruttura.**

Bħala konsegwenza ta' dan l-iżball manifest ta' evalwazzjoni u tal-konstatazzjoni preliminari ta' ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 773/2004, sa fejn il-Kummissjoni ma osservatx l-obbligu ta' informazzjoni tagħha fir-rigward tar-rikorrenti dwar il-ġustifikazzjoni bbażata fuq l-eċċezzjoni tal-azzjoni tal-Istat, il-Qorti Ġenerali qiegħda tannulla d-deċiżjoni kkontestata.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinholq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.